

Brussell, 22 ta' Settembru 2026
(OR. en)

13522/26

COH 151
FIN 1345

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 12925/26

Suġġett: Rapport Speċjali Nru 15/2026 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Appoġġ tal-politika ta' koeżjoni għall-impjieg taż-żgħażaġħ – L-UE hija involuta b'mod attiv, iżda għad hemm xi jsir biex iż-żgħażaġħ żgur ikollhom impjieg dejjiemi"
- Konklużjonijiet tal-Kunsill (22 ta' Settembru 2026)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 15/2026 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "Appoġġ tal-politika ta' koeżjoni għall-impjieg taż-żgħażaġħ – L-UE hija involuta b'mod attiv, iżda għad hemm xi jsir biex iż-żgħażaġħ żgur ikollhom impjieg dejjiemi", kif approvati mill-Kunsill (Affarijiet Ġenerali) fl-4194 laqgħa tiegħu li saret fit-22 ta' Settembru 2026.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL

dwar ir-Rapport Speċjali Nru 15/2026 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri:

"Appoġġ tal-politika ta' koeżjoni għall-impjieg taż-żgħażaġh – L-UE hija involuta b'mod attiv, iżda għad hemm xi jsir biex iż-żgħażaġh żgur ikollhom impjieg dejjiemi"

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

1. JILQA' r-Rapport Speċjali Nru 15/2026 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Qorti") u t-tweġibiet tal-Kummissjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Kummissjoni") dwar ir-Rapport;
2. JINNOTA li, filwaqt li l-impjiegi huma primarjament responsabbiltà tal-Istati Membri, mill-2014, madwar EUR 25 biljun ta' finanzjament tal-politika ta' koeżjoni ġew allokat i speċifikament għall-prevenzjoni u l-indirizzar tal-qgħad u l-inattività fost iż-żgħażaġh, b'mod partikolari permezz tal-Fond Soċjali Ewropew (FSE), l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażaġħ (YEI) u ż-żieda fl-Assistenza fl-Irkupru għall-Koeżjoni u għat-Territorji tal-Ewropa (REACT-EU) għall-perjodu 2014-2020, kif ukoll il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF) għall-2021-2027;
3. JIEĦU NOTA li minkejja tnaqqis kostanti b'mod ġenerali mill-2013, ir-rati tal-qgħad fost iż-żgħażaġh għadhom għoljin f'ħafna Stati Membri;
4. JINNOTA li l-awditu tal-Qorti vvaluta kif il-Kummissjoni appoġġat lill-Istati Membri biex itejbu s-sitwazzjoni tal-impjiegi taż-żgħażaġh, u kif immonitorjat ir-riżultati, kif ukoll jekk il-miżuri ffinanzjati mill-UE ffaċilitawx l-integrazzjoni sostenibbli taż-żgħażaġh fis-suq tax-xogħol, inkluż il-gruppi l-aktar vulnerabbli;

5. JILQA' l-fatt li l-Qorti sabet li l-Kummissjoni għamlet użu xieraq mill-għodod għad-dispożizzjoni tagħha biex tappoġġa lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex jindirizzaw il-qgħad fost iż-żgħażaġħ bejn l-2013 u l-2024 u li pprovdiet qafas strateġiku biex tassisti lill-Istati Membri fil-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażaġħ permezz tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ u s-Semestru Ewropew, flimkien mal-finanzjament korrispondenti tal-UE;
6. JIEĦU NOTA tas-sejbiet l-oħra tar-Rapport, b'mod partikolari li:
- pressjoni akbar biex il-finanzjament mill-FSE+ u mill-JTF jintuża lejn tmiem il-perjodu ta' programmazzjoni tista' twassal biex dan jintuża b'mod inqas effettiv,
 - il-qafas ta' indikaturi tal-FSE+ fit li xejn jipprovdi informazzjoni dwar ir-riżultati aktar fit-tul tal-appoġġ finanzjarju tal-UE għall-impjieg taż-żgħażaġħ, u li l-Kummissjoni ma analizzatx l-impatt tat-tipi differenti ta' appoġġ għall-impjieg taż-żgħażaġħ imfassla u implimentati mill-Istati Membri,
 - inċentivi għar-reklutaġġ jistgħu jkunu utli, iżda l-impatt u s-sostenibbiltà tagħhom jiddependu mit-tfassil tagħhom u mill-iskop deżinjat tagħhom,
 - it-taħriġ dwar ix-xogħol u l-appoġġ għat-taħriġ vokazzjonali jiffaċilitaw l-integrazzjoni taż-żgħażaġħ fis-suq tax-xogħol,
 - għalkemm l-għadd globali ta' żgħażaġħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEETs) naqas, il-kompożizzjoni tal-popolazzjoni NEET fl-UE nbidlet b'mod sinifikanti, u issa tikkonsisti fil-biċċa l-kbira minn żgħażaġħ inattivi, li huma aktar diffiċli biex jintlaħqu;
7. JILQA' l-fatt li l-Kummissjoni aċċettat bis-sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti. Dan jinkludi t-tisħiħ tal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-finanzjament tal-Politika ta' Koeżjoni li jappoġġa l-impjieg taż-żgħażaġħ, l-impenn li jaħdmu mill-qrib mal-Istati Membri biex itejbu l-miżuri tagħhom ta' appoġġ għall-impjieg taż-żgħażaġħ, biex jippromwovu l-għarfien u l-iskambju tal-aħjar prattiki għall-ħolqien ta' inċentivi effettivi għar-reklutaġġ għaż-żgħażaġħ, u għall-identifikazzjoni u l-ilħuq ta' żgħażaġħ inattivi, mingħajr ma jiżdied il-piż amministrattiv;

8. JISĦAQ fuq il-ħtieġa li tingħata attenzjoni speċifika liż-żoni żvantaġġati, bħal dawk imsemmija fl-Artikolu 174 u l-Artikolu 349 TFUE, biex jiġi appoġġat l-impjieg taż-żgħażaġh.
-